18 ta' Ottubru, 1946.

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. Alb. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Melita Mallia *versus* Rita Cutajar ne. (*)

## Self — Simulazzjoni — Kompetenza — Atti ta' Kummerċ.

*Mhux il-kondizzjoni tal-persuna li għandha tiddetermina jekk att huwiex ta' natura ċivili jew kummerċjali, imma n-natura stess ta' l-att; b'mod li jista' l-att ikun kummerċjali avvolja mhux magħmul minn kummerċjant, kif jista' jkun ċivili avvolja magħmul minn kummerċjant.*

*Għaldaqstant self li jagħmel kummerċjant biex jipprovdi għall-bżonnijiet tal-familja, u mhux għal skopi tan-negozju tiegħu, huwa att ta' natura ċivili.*

*Għalhekk ukoll, jekk l-att jiġi attakkat b'simulazzjoni, u dak l-att huwa ta' natura kummerċjali, il-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' l-azzjoni ta' impunjazzjoni ta' dak l-att hija l-Qorti tal-Kummerċ.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi in forza ta' kuntratt tan-Nutar Enrico Saydon tad-9 ta' Novembru 1937, hija kienet issellfet minn għand Michele Ellul is-somma ta' £100 bl-interessi tal-5% li jitħallsu bis-sitt xhur b'lura, u bil-garanzija solidali ta' żuha l-imsemmi Carmelo Cutajar (dok. A); u li hija fl-imsemmi kuntratt tas-self kienet biss "prestanome", għaliex fil-fatt il-flus mislufa ġew konsenjati mill-istess Carmelo Cutajar u ġew minnu wżati fl-interess eskluživ tiegħu; talbet li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż minn dina l-Onorabbli Qorti illi l-£100 fuq imsemmija ġiet mislufa fl-interess eskluživ ta' l-imsemmi Carmelo Cutajar, u li hija ma kienetx ħlief "prestanome". Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni eżerċitata mill-attriċi hija dik ta' simulazzjoni, l-għaliex il-kapital li tidher li ħadet l-attriċi bil-garan-

---

(*) Konfermata fl-Appell, 20. 12. 48.

zija tal-konvenut Carmelo Cutajar per mezz ta' l-att tan-Nutar Enrico Saydon l-attriċi ssostni li fil-fatt ħadu l-konvenut Carmelo Cutajar, u minnu ttieħed għall-kummerċ tiegħu;

Illi kwindi l-oġġett tal-kawża magħmula mill-attriċi huwa vertenti fuq kapital li ttieħed għal skopi u finijiet kummerċjali, u dana jirriżulta mill-istess dikjarazzjoni ta' l-attriċi kif ukoll mill-verbal dettat minnha fl-14 ta' Ottubru 1946.

Illi huwa paċifiku fid-duttrina. għad-distinzjoni bejn att ta' natura ċivili u att ta' natura kummerċjali u l-ġurisdizzjonijiet korrispondenti, illi jiġi eżaminat is-suġġett ta' l-istess att. Infatti l-proprjetà "ut sic" hija s-suġġett tal-liġi u tal-ġurisdizzjoni ċivili daqs kemm hija s-suġġett tal-liġi u ġurisdizzjoni kummerċjali; imma l-liġi ċivili tħares u tirrigwarda l-proprjetà għall-valur ta' l-użu, mentri l-liġi kummerċjali tirrigwarda u tħares lejn il-proprjetà għall-valur tagħha permutabili. U sabiex inkunu aktar ċari, ngħidu illi jekk bniedem jissellef flus għad-dar, dak is-self ikun sabiex huwa juża dawk il-flus ħalli jixtri l-bżonnijiet għall-konsum tal-familja, u kwindi l-att tiegħu huwa naturalment ta' indoli ċivili, anki jekk il-persuna tkun fil-kummerċ; mentri jekk bniedem jissellef flus sabiex bihom jixtri oġġetti ħalli jagħmel qliegħ b'negozju, huwa mill-bidu ta' l-operazzjoni juri l-intenzjoni li jippermuta dawk il-flus ma' oġġetti oħra mhux biex jikkunsmahom, iżda biex jaqla' minn fuqhom, b'mod li l-att tiegħu ikun ta' natura kummerċjali;

Illi minn dana jitnissel illi mhix il-kondizzjoni tal-persuna li tgħodd għad-determinazzjoni ta' l-att, iżda n-natura tal-fatt. Il-kondizzjoni tal-persuna tista' ġġib magħha xi preżunzjonijiet, għaliex tikkontribwixxi biex tikxef l-indoli ta' l-att; imma dawn huma biss "juris tantum", u mhux "juris et de jure";

Illi għalhekk, jekk in-natura ta' l-att attakkat bis-simulazzjoni hija kummerċjali, l-att li ġie attakkat kellu jiġi miġjub quddiem it-tribunal tal-kummerċ; għaliex jekk dak it-tribunal kien kompetenti jieħu konjizzjoni ta' l-att li minnu twieled il-kuntratt, kien kompetenti jissindika anki l-azzjoni "de quo dicimus" (ara Mantelli, Giurisprudenza del Codice di Commercio, Vol. I, pag. 482, in re "Brignardello vs.

Garbarini"; ara wkoll artikolu 37 (2) Kap. 15 Edizzjoni Riveduta);

Illi m'hemmx bżonn jingħad illi dina l-Qorti tista "ex officio" tissolleva l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza "ratione materiae" (ara art. 775 (6) Kap. 15 Ediz. Riv.);

Illi fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, billi l-oġġett in kwistjoni għab-bażi tal-kuntratt attakkat huwa mill-ammissjoni ta' l-istess attriċi ta' natura kummerċjali, l-azzjoni "de quo" konnessa ma' dak l-oġġett kellha tiġi promossa quddiem it-tribunal ta' ġurisdizzjoni kummerċjali;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara ruħha inkompetenti, u konsegwentement tillibera lill-konvenut "ab observantia"; bl-ispejjeż kontra l-attriċi.